**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 117/23/2AL

**A B**

**vs.**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi intavolat fit-8 ta' Mejju 2023[1] li permezz tiegħu ppremettiet kif ġej:

*1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-konvenut, u minn din ir-relazzjoni huma kellhom wild minuri E D, li twieled nhar 18 ta' Marzu 2021 (ara kopja taċ-ċertifikat tat-twelied hawn anness u mmarkat bħala Dok A);*

[1] Fol. 1.

*2. Illi l-esponenti temmet ir-relazzjoni tagħhom minħabba l-aġir vjolenti tagħha, tant illi kellha tirrikorri għall-għajnuna tal-pulizija diversi drabi, kif ukoll tirrisjedi għar-refugju ġewwa xelter għas-sigurtà soċjali;*

*3. Illi l-esponenti fethet proċeduri ta' medjazzjoni sabiex tirregola dak kollu li jaspetta lill-minuri; iżda l-intimat baqa' għaddej bil-komportament aggressiv u pussessiv tiegħu fil-konfront tagħha tant illi kellha titlob l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti diversi drabi.*

*4. Minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-Onorabbli Qorti ordnat l-għeluq tal-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu b'kawża skont il-liġi (ara Dok B). Sussegwentement, l-esponenti talbet sabiex jiġi estiż it-terminu sabiex tipproċedi b'kawża (ara Dok. Ċ);*

*5. Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid għalhekk il-intimat għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tordna li l-intimat jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' genitur ai termini tal Artikolu 154 tal-Kodici Civili u dan fl-interess suprem tal-minuri;*

*2. Tordna l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E D tkun fdata f'idejn l-esponenti, u tawtorizza lill-esponenti sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri, inkluż dawk relatati mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens, presenza u firma tal-konvenut;*

*3.Tordna li l-minuri E D jirresjedu primarjament mal-attrici;*

*4. Tordna li l-aċċess tal-konvenut għall-minuri jkun sospiż u/jew taħt superviżjoni tad-Direttoratt tal-Kura Alternattiva u/jew kwalunkwe awtorità kew direttorat ieħor kompetenti: u dan wara li jirriżulta illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri, anke tramite assessments appożiti, tenut kont in-nuqqas ta' responsabilità u l-aġir vjolenti tal-konvenut;*

*5. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-minuri E D u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bażi full-time; jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċidi li jibqa' jistudja fuq bażi full-time. Kif ukoll tordna illi dan il-manteniment jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġi depożitat f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċji tal-minuri, inkluż imma mhux limitatament, ic-children's allowance, fl-intier tagħhom;*

*6. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa, u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, stataionary, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjeż ikunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

*7. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-arretrati ta' manteniment għall-minuri E D mid-data meta infetħu l-proċeduri ta' medjazzjoni datati 28 ta' Mejju 2021, kif ukoll arretrati relatati ma' spejjeż inkorsi għas-saħħa, edukazzjoni u kwalunkwe attivitajiet extra-kurrikulari;*

*8. Tagħti dawk il-provedimenti oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri E D fl-aħjar interess tagħhom.*

*9. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 609/2021 JPG;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kontra l-intimat, inkluż dawk relatati mal-Ittra ta' Medjazzjoni u atti oħra relattivi, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smiegħ fit-13 ta' Ġunju 2023 iżda ma ntavolax risposta ġuramentata u fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2023[2] il-Qorti ddikjaratu kontumaċi;

Rat illi l-Qorti fl-istess seduta ħatret lill-assistent ġudizzjarju Dr Marita Pace Dimech biex tiġbor il-provi attriċi;

Rat li fit-28 ta' Mejju 2024 il-konvenut intavola r-rikors odjern dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u l-aċċess għat-tifel fejn ippremetta kif ġej:

*1. Illi l-esponenti kien residenti fil-facilita korrettiva ta' Kordin fil-perjiodu meta gie notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti u inghata z-zmien biex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.*

*2. Illi f'dak l-istess periodu sab ruhhu f'cirkostanzi stressanti ghall-ahhar tant illi n-nuqqas tieghu li jipprezenta r-risposta guramentata tieghu bl-ebda mod m'għandha tigi interpretata bhala rifjut jew turija ta disprezz lejn din l-Onorrabli Qorti izda li sab ruhu impedit milli jesprimi x-xewqa kostanti tieghu li kollu u jikseb access ghal ibnu E minhabba cirkustanzi li ghandhom jinghaddu bhala forza magguri.*

[2] Fol. 14.

*3. Illi l-esponent ilu ma jara it-tifel tieghu ghal iktar minn sena u dan il-fatt qed jikkawzalu inkwiet u ansjeta kbira mhux l-inqas minhabba li din t-tarbija qegħda tinzamm u titrabba fil-prezenza ta' persuni soggetti ghall-vizzju tad-drogi.*

*4. Illi l-esponenti ma kellu l-ebda intenzjoni li juri dizrispett lejn din l-Onorabbli Qorti u għalhekk sejjer jgħaddi sabiex jitlob li tigi purgata l-kontumacja tieghu u konsegwentement jigi awtorizzat sabiex jipprezenta risposta guramentata.*

*5. Illi l-esponent hu tal-fehema li ghandu dritt li jixhed u jipprezenta provi biex jikkontesta din il-kawza invista tal-principju ta' audi alteram partem u li jkun fl-ahjar interess tat-tifel tieghu li l-Qorti tisma u tara l-provi tieghu.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna:*

*1. L-purgazzjoni tal-kontumacja u konsegwentement tawtorizza lill-esponenti sabiex jipprezenta ir-risposta guramentata tieghu u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni; u*

*2. Jinghata access lill-ibnu E D u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi fl-20 ta’ Ġunju 2024 l-attriċi ntavolat risposta fejn qalet kif ġej:

*1. Illi bl-imsemmi rikors il-konvenut qed jitlob sabiex jingħata opportunita' sabiex idaħħal risposta guramentata sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu u dan in vista tal-fatt li qed jipprova jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. Illi sabiex jagħmel dan huwa qed jallega bħala raġuni li huwa kellu problema għax kien ġewwa l-ħabs u li kien għaddej minn żmien diffiċli;*

*2. Illi ssir referenza għall-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra li f'każ ta' kontumaċja, il-konvenut irid jipprova "għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta guramentata fiż-żmien li jmiss";*

*Illi f'dan ir-rigward, huwa ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, b'mod partikolari fil-kawża Samchrome Fze Vs Koncar Danko Et*[3]*, li "Id-deċiżjoni gwida f'materja ta' kontumaċja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn gew elenkati l-prinċipji li ġejjin rigwardanti l-kontumacja:-*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tiġi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*
*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*
*(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaci;*
*(6) L-iżball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa…;*[4]

*Illi di piu', il-Qorti kompliet billi ghamlet referenza ghall-żewġ sentenzi: Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia deċiża fis-16 ta' Frar 1996 fejn ġie ritenut li "F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negligenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova*

---

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell datata 11 ta' Marzu 2016 moghtija mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri, Imhallef Tonio Mallia u l-Imħallef Joseph Azzopardi (Rikors numru 842/14 JZM)

[4] Dawn l-istess prinċipji ġew ribaditi wkoll fis-sentenza Joseph Naudi Montalto vs emanuel Xuereb, deciża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-każ Tal-Franciz Construction Limited vs Michale Ciappara deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-31 ta' Mejju, 2013 fost oħrajn.

*tal-kawża ġusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-każ il- persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire."; u referenza għas-sentenza fl-ismijiet "Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd", deċiża fit-28 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti ta' l-Appell stqarret iżda li:-*

*"....L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola...”*[5]

*3. Illi mill-atti jirriżulta illi n-notifika seħħet nhar it-13 ta' Ġunju 2023 u għalhekk it- terminu li fih kellu jdaħħal risposta kien propju it-3 ta' Lulju 2023. Illi dan ir-rikors odjern ġie ntavolat nhar it-28 ta' Mejju 2024 u għaldaqstant wara sena mit-terminu. Illi filfatt jidher li l-konvenut ma hux qed jikkontesta l-validita' tan-notifika.*

*4. Illi l-esponenti qegħda ssostni li ma hemmx raġuni valida għal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u dana għas-segwenti raġunijiet:*
*a) Illi in kwantu għar-raġunijiet li ressaq l-konvenut, l-esponenti tirrileva, li huwa dieħel u ħiereġ il-ħabs mis-sena 2021 taħt arrest fuq akkużi ta' stalking u ksur tal-ordinijiet tal-qrati kriminali fost affarijiet oħra.*

---

[5] Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII -II-170); "Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubblici," deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fit-12 ta' Diċembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.

*mill-Qorti iżda huwa rrifjuta milli jagħmel dan;*

*Illi l-intimat għandu l-vizzju tad-drogi u m'għandu l-ebda interess li jieħu l-għajnuna iżda minflok huwa għadu għaddej bl-istess komportament, isegwi l-passi tal-attriċi, jinsisti biex tirranġa miegħu, tkeċċi lill-uliedha mid-dar tagħha u sabiex ma tkellem lill- ħadd għax inkella joqtolha;*

*Illi l-attriċi saħansitra pprovat tgħinu diversi drabi sabiex jagħmel il-programm ta' reabilitazzjoni, iżda anke l-ħaddiema tal-CaAs u s-Sedqa qalulha sabiex taqta' qalbha għax huwa m'għandu l-ebda interess milli jieqaf jieħu d-droga. Dan wassal sabiex l-intimat jhedded lill-esponenti talli ma taċċettahx lura u jibda jsegwi l-passi tagħha u ta' uliedha u jheddidhom, u eventwalment jiġi arrestat mill-pulizija;*

*Illi in fatti, prezentement, l-intimat għandu proċeduri kriminali quddiem il-Maġistrat Rachel Montebello, il-Maġistrat Caroline Farrugia Frendo, il-Magistrat Monica Vella u żewġ kawżi quddiem il-Maġistrat Abigail Criten. Dan il-kawżi jirrellataw kollha fuq akkużi ta' stalking, thedid serju fuq ħajjitha, ksur ta' Ordni ta' Trazzin u ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest fost akkużi oħra;*

*Illi f'dawn il-proċeduri huwa kien dejjem debitament assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu Dr Ismael Psaila u qabel mill-avukat Dr Mario Caruana, inkluż fi proċeduri ta medjazzjoni. Għalhekk jidher miċ-ċar li qatt ma kellu l-ebda problema li jkun assistit min avukat minkejja li kien qiegħed il-ħabs.*

*Illi kif jirrizulta biċ-ċar, anke mill-provi prodotti, l-intimat kellu kull opportunità li appena huwa ħareġ mill-ħabs ftit ġranet wara, huwa seta' kellem l-avukat tiegħu Dr Ismael Psaila sabiex jassistih f'dawn il-proċeudri jew jigwidah ikellem avukat tal- fiduċja tiegħu;*

*Illi l-intimat ġie anke mitkellem mill-pulizija diversi drabi u mħeġġeġ sabiex jara lill-minuri skont kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u jieħu l-għajnuna neċessarja ħabba l-vizzju tad-droga, iżda huwa baqa' jirrifjuta milli jagħmel dan anzi spiċċa hedded lill-esponenti mal-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ u kien anke aggressiv fil-konfront tagħhom (ara n-Noti tal-istess Aġenzija Appoġġ esebiti fl-atti tal- Ittra ta' Medjazzjoni allegati flimkien mal-atti tal-kawża odjerna);*

*b) Illi propju' r-realta' hija li l-konvenut huwa ossesjonat bl-esponenti u kemm il-darba għamila cara magħha li huwa ma jiridix tkellem lill-irġiel oħra u jridha tkeċċi lill-uliedha minn darha stess, fost affarijiet oħra u li fin-nuqqas kien se jweġġa' lilha u lill-ħames uliedha, inkluż lill-ibnu stess;*

*c) Illi m'huwiex minnu li l-intimat għandu xi interess jara lill-ibnu u dan joħroġ biċ-ċar mill-provi prodotti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fejn l-intimat kien hedded lill-esponenti li se jweġġa' lill-ibnu, fosthom li "se jifqa' lilha u lit-tfal kollha magħha, lit-tifel iż-żgħir (E D) se jitfgħu mal-art u joħroġlu msarnu minn ġo ħalqu", "ara ma daħħalx lit-tfal għax nifqagħhomlok minn 5 ingibomlok 2 jew xejn", "ċempilt lill-pulizija? Tixrid tad-demm se jsir, halli l-ispettur tiġborni veru" u li ħadd ma jżommu lanqas l-ispettur, fost ħafna dagħha u theddid iehor (ara r-recordings annessi mar-rikors tal-attriċi ippreżentat fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni datat 28 ta' Mejju 2021 u mmarkat bħala Dok RT2);*

*d) Illi l-intimat għadu għaddej b'dan il-komportament u ftit tal-ġranet ilu, huwa kien rega' gie arrestat mill-pulizija peress li qiegħed isegwi l-passi tagħha u ta' uliedha jinsisti li jrid ikellimha biex jirranġaw flimkien u twaqqa' l-proċeduri kriminali;*

*5. Illi għalhekk in-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb fil-ħin m'huwa xejn għajr negliġenza u nuqqas ta' interess da parti*

*tiegħu li għalkemm kellu kull opportunita, u l-mezzi li jikkomunika ma' avukat, kif jirrizulta mill-provi, naqas li jagħmel dan;*

*6. Illi di piu', jiġi relevat li min jallega irid jipprova u għalhekk għandu jkun l-istess konvenut li jipprova li huwa ma kellux dawn il-mezzi jew l-opportunita' li qed jallega. Jigi rilevat li r-rikors intavolat ma tressqet l-ebda prova quddiem din l-Onorabbli Qorti dwar l-impediment tiegħu milli jikkomunika ma' avukat mid-data tan-notifika 13 ta' Ġunju 2023 sat-3 ta' Lulju 2023 jew fis-seduti quddiem din l-Onorabbli Qorti li għalihom qatt m'attenda;*

*7. Illi in fatti, l-intimat kien ġie notifikat b'rikorsi urgenti intavolati mill-attriċi iżda huwa naqas milli jirrispondi għalihom jew ikellem avukat sabiex jitlob esentensjoni tat-terminu tar-risposta;*

*Ghalhekk fl-isfond ta' dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tissotometti illi dak allegat mill-konvenut m'huwa xejn ħlief ġustifikazzjoni fjakka tal-kontumaċja u disrispett lejn is- sejħa tal-Onorabbli Qorti. Illi dan jikkonstitwixxi negliġenza (kolpa) lampanti da parti tal-konvenut peress li kellu biżżejed żmien sabiex jagħmel l-arranġamenti kollha possibli, inkluż li jitlob estensjoni tat-terminu għall-preżentatata tar-risposta guramentata u għalhekk l-iżball mhux impediment leġittimu.*

*Għaldaqstant, it-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjez kontra l-konvenut.*

Rat li permezz ta' digriet tal-24 ta' Ġunju 2024 il-Qorti ħatret lill-Avukat tat-Tfal sabiex jisma' lill-minuri E u jirrelata dwar it-tieni talba tar-rikors tal-konvenut;

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal intavolat fl-10 ta' Lulju 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat li r-rikors tħalla għal lum għas-Sentenza;[6]

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**Ikkunsidrat**

Permezz tal-azzjoni odjerna, il-konvenut qiegħed jitlob illi tiġi ġustifikata l-kontumaċja tiegħu. Huwa jgħid li fl-istess perjodu li ġie notifikat bir-rikors kien fil-faċilità korrettiva ta' Kordin u sab ruħu f'ċirkostanzi stressanti għall-aħħar u li bl-ebda mod ma kellu l-intenzjoni li juri diżrispett lejn din il-Qorti bil-kontumaċja tiegħu.

Permezz tal-istess rikors huwa jgħid li ilu ma jara lit-tifel tal-partijiet għal iktar minn sena u dan il-fatt qed jikkawżalu nkwiet u ansjetà kbira u għalhekk jitlob ukoll illi din il-Qorti tagħtih aċċess għall-minuri E.

Minn naħa tagħha l-attriċi tirrileva illi ma hemmx raġuni valida għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u li l-konvenut kellu kull opportunità li appena ħareġ mill-ħabs seta' jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jassistih. Hija tagħmel diversi allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-konvenut konsistenti f'theddid gravi u tgħid li l-allegazzjonijiet tal-konvenut m'huma xejn ħlief ġustifikazzjoni fjakka tal-kontumaċja u diżrispett lejn il-Qorti peress li jikkostitwixxi negliġenza lampanti *da parti* tal-konvenut li kellu biżżejjed żmien li jagħmel l-arranġjamenti possibli inkluż li jitlob estensjoni tat-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 158 tal-Kap 12 jipprovdi kif ġej:

---

[6] Digriet tal-24 ta' Ġunju 2024.

*"(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

*…*

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-atturli jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

Fil-kawża fl-ismijiet **Samchrome FZE vs Danko Koncar et**,[7] saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Abela vs Aplan Limited *et***,[8] fejn il-Qorti qalet illi: "*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997); Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-termini procedurali la jista' jigi sanar b'adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentament hafna osservat, "in-*

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 (Rik. Nru. 843/14).

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008.

*natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghaliex ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita*". *(Salina Wharf Marketing Limited –vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007)*".

Fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd**, deċiza fit- 28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li:- *"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola*."

Jingħad fis-sentenza **AB vs CDE**[9] illi għalkemm il-kontumaċja titqies bħala diżrispett lejn il-Qrati madanakollu ma tfissirx jew timplika ammissjoni għat-talbiet attriċi u kif jingħad fl-Artikolu 158(10), il-konvenut dikjarat kontumaċi jista' jittenta jieħu lura d-drittijiet proċedurali biex b'hekk jieħu sehem sħiħ fil-proċeduri. Il-Qorti trid teżamina jekk l-

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Nru. 289/21AL).

intenzjoni tal-konvenut kienet waħda ta' diżinteress totali, *ċioé* kontumaċja bi ħtija, jew jekk l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jikkontesta t-talba iżda naqas milli jagħmel hekk minħabba impediment ġust. In vista tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* il-Qorti għandha l-obbligu li ladarba jidher il-konvenut, tara jekk għandux raġunijiet ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.

*"Illi pero` sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, trid tkun gusta kawza ("Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"); u tali kawza gusta trid tikkonsisti fl-impediment legittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun legittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci (XLII.i.811; XXIX.i.1581), b'dan ghalhekk li l-konkluzjoni logika ta' dawn il-principji huwa illi "f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" ("Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia" A.C. 16 ta' Frar 1996.)"*[10]

**Ikkunsidrat**

F'dan il-każ l-attriċi ntavolat rikors ġuramentat fit-8 ta' Mejju 2023 li ġie notifikat, flimkien mal-avviż tas-smiegħ, lill-konvenut fit-13 ta' Ġunju 2023. Il-konvenut fl-ebda mument ma kkontesta l-validità tan-notifika, anzi aċċetta li ġie debitament notifikat. Madanakollu għal finijiet proċedurali dan ma jeskludix illi l-konvenut jista' jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu jekk ikollu raġuni tajba għaliex kieku kull darba li jiġi pruvat li saret notifika kellu jiġi prekluż l-purgazzjoni tal-kontumaċja kieku kienet tkun għal kollox inutli d-dispożizzjoni tal-Artikolu 158(10) tal-Kap 16.[11]

---

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2003 (Ċit. Nru. 1135/2002).
[11] Idem.

Il-konvenut la ppreżenta risposta ġuramentata u lanqas deher għas-seduti u din il-Qorti ddikjaratu kontumaċi u appuntat assistent ġudizzjarju sabiex jisma' l-provi attriċi biss. L-assistent ġudizzjarju ffissa seduti li tulhom l-attriċi ġabet il-provi tagħha u fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2024 il-Qorti ġiet infurmata li l-attriċi baqala' biss provi dokumentarji u m'għandiex bżonn seduti aktar. Sadanittant, il-konvenut ma deher qatt fil-proċeduri.

L-attriċi tippreżenta wkoll rikorsi diversi li ġew ukoll debitament notifikati lill-konvenut u ngħata ċans jirrispondi, iżda ma għamilx dan.

Wara iktar minn sena li ġie ntavolat ir-rikors ġuramentat imbagħad il-konvenut ippreżenta rikors sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. Applikati l-prinċipji ċitati għall-każ *de quo* il-Qorti tħoss illi l-konvenut ma ġabx prova sodisfaċenti li tiġġustifika n-nuqqas tiegħu. Apparti t-trapass taż-żmien u l-prosegwiment tal-kawża li jkomplu juru negliġenza minn naħa tal-konvenut li lanqas ittenta jitlob li l-Qorti ttawwallu ż-żmien għar-risposta u lanqas biss segwa l-kawża tiegħu, il-Qorti tara illi l-konvenut jittenta jiġġustifika n-nuqqas tiegħu billi jgħid li sab ruħu f'ċirkostanzi stressanti għall-aħħar u sab ruħu impedit milli jesprimi x-xewqa kostanti tiegħu li jkollu aċċess għal ibnu. Jekk il-konvenut kien qed iħoss illi qed jiġi mċaħħad minn ibnu, iktar u iktar kellu jieħu l-pariri meħtieġa fiċ-ċirkostanzi biex ikun jista' jipproċedi quddiem din il-Qorti u jiġġieled għal dak li kien allegatament imċaħħad minnu.

Kwindi din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tal-konvenut għax jidher biċ-ċar li huwa kien negliġenti sew fl-aġir tiegħu meta rċieva l-atti u tul il-kawża kollha u tħoss li bir-rikors tiegħu ma rnexxilux jipprova li kien hemm xi impossibilità fiżika jew morali, jew xi impediment leġittimu bħala kawża ġusta li mpedewh milli jippreżenta r-risposta tiegħu.

In konklużjoni, abbażi tal-fatti u ċirkostanzi, kif irriżultaw fil-każ odjern, il-konvenut għandu jitqies fi stat ta` kontumaċja.

**Ikkunsidrat**

Dwar it-tieni talba tal-konvenut dik li qed jitlob lil Qorti tagħti aċċess għal ibnu E, il-Qorti rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal li fih jingħad illi:

*“Illi l-esponenti tirrileva li għalkemm fir-rikors ta' C D gie accennat li huwa 'ilu ma jkollu access ghal ibnu ghal aktar minn sena', attwalment jirrizulta li l-partijiet għandhom bazi ta' ftehim li qed iwassal sabiex ir-rikorrenti C D qieghed jara lil ibnu regolarment.*

*L-omm A B tikkonferma dan, u tispjega wkoll li l-minuri ikun herqan sabiex jiltaqa' ma missieru. Fil-fatt minn domandi li saru lil minuri, huwa wiegeb li jixtieq 'jara lil papa'.*

*Illi jirrizulta li attwalment mhux qed ikun hemm problemi sabiex C D jara lil ibnu, u din is-sitwazzjoni zviluppat in segwitu ghal intavolar tar-rikors odjern. Fil-fatt, dan gie ikkonfermat minn A B li spjegat lil esponenti li dan l-arrangament ta' access ilu jsehh ghal madwar tlett gimghat.*

*L-esponenti jispjega ulterjorment li l-partijiet jikkuntatjaw lil xulxin u jiftehmu l-hinijiet ta' access. Jidher li l-acess tal-missier idum bejn wiehed u iehor satghejn.*

*L-omm A B ma ghandiex oggezzjoni li l-access jibqa' jigi ezercitat, b'dan li tenut kont l-eta tenera tal-minuri, l-missier jirritorna lil minuri f'hinijiet li ma jkunux tard ghal minuri. Inoltre, l-omm tixtieq li ideajalment hija tkun infurmata fejn ikun jinsab il-minuri waqt l-access.*

*L-omm ma tispecifikax granet partikolari ta' access.”*

Madanakollu fir-risposta tagħha tal-20 ta' Ġunju 2024 u fir-rikorsi preċedenti, l-attriċi tressaq numru ta' allegazzjonijiet serji u nkewtanti li l-Qorti ma tħossx li tista' tinjora. Il-Qorti temmen li huwa neċessarju fit-trobbija tal-ulied li l-minuri jkollhom xi tip ta' kuntatt maż-żewġ ġenituri. Minkejja li l-missier jidher li għandu bżonn l-għajnuna fejn jidħol mod kif irabbi lil ibnu, madanakollu hija persważa li huwa jħobb lil ibnu u jinteressah illi jkun b'xi mod involut fit-trobbija tiegħu u t-tifel minn naħa tiegħu wera mal-Avukat tat-Tfal li jrid jiltaqa' ma' missieru. Kif tgħid il-ġurisprudenza f'deċiżjonijiet dwar l-aċċess, il-Qorti għandha tara x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. F'dan il-każ apparti l-fatt illi hemm allegazzjonijiet serji minn naħa tal-omm dwar il-komportament tal-missier, ma kienx hemm konsistenza fil-kuntatt tat-tifel ma' missieru u dan kollu għandu jiġi ndirizzat.

Għaldaqstant il-Qorti tordna illi d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal jaħdmu mal-minuri u mal-missier u jaraw li dan huwa preparat u li huwa fl-aħjar interess tat-tifel illi jkollu kuntatt regolari ma' missieru u għandhom jagħtu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar kif għandu jsir l-aċċess.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi:

1. Tiċħad l-ewwel talba tal-konvenut sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu abbażi tar-rikors tat-28 ta' Mejju 2024 u dan *stante* li ma rnexxilux jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

2. Dwar it-tieni talba l-Qorti tordna li d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal jaħdem mal-minuri E u mal-konvenut missier sabiex jaraw li huwa fl-aħjar interess tat-tifel illi dan jiltaqa' regolarment ma' missieru u għandhom

jagħtu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar il-modalità tal-aċċess;

3. Tordna illi dan il-każ jiġi segwit mid-Direttorat għall-Ħarsiet tat-Tfal u tordna illi ssir in-notifika ta' din id-deċiżjoni lill-istess Direttorat għal dan il-għan.

Bl-ispejjeż kollha ta' din id-deċiżjoni a karigu tal-istess konvenut.